

Brussell, 22 ta' Settembru 2017
(OR. fr)

12328/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0368 (COD)

CODEC 1421
TRANS 368
MAR 156

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fid-29 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 91 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fid-29 ta' Marzu 2017². Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat³.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fit-12 ta' Settembru 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ dok. 15197/16.

² ĠU C 209, 30.6.2017, p. 58.

³ għadha mhix ippubblikata.

⁴ dok. 12054/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 44/17.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
